MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2004

Numru 1/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Hatem Khalifa Dhem

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta’ Frar, 2004 ghall-habta tas-1.00 p.m., gewwa City Gate il-Furjana ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta’ Maria Buhagiar, liema valur tal-haga misruqa ma tiskorrix il-mitt lira Maltin (LM 100) u cioe’ mobile phone tal-ghamla Nokia 3310, u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati;

Wara li rat l-Artikolu 2846 u 285 tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi r-refurtiva giet rekuperata mill-pulizija u giet mghoddija lil sidha, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta;

Ghaldaqstant wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal prigunerija ta' sitt xhur sospiza ghal sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------